MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 61/2012

**Carmel Farrugia**

**Vs**

**Xuereb Glass Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat mir-rikorrenti fil-5 ta' Lulju, 2012 fejn ippremetta:

1. Illi l-esponent huwa kreditur tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' sebgha u ghoxrin elf u mija u sebgha u hamsin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€27,157.91), liema somma hija certa, likwida u dovuta in kwantu tirrapprezenta l-bilanc li ghadu pendenti ghas-servizz ta' garr lokali ta' merkanzija u servizzi relatati li gew provduti mill-attur lis-socjeta' konvenuta, u dan kif jirrizulta mill-

annessa kopja tar-rendikont u fattura (Dok A u Dok B annessi);

2. Illi minkejja li s-socjeta’ konvenuta ghamlet diversi pagamenti akkont tal-ammonti li kienu saru dovuti minn zmien ghal zmien, sal-lum ghad baqa’ l-imsemmi bilanc li ghadu dovut lill-esponent u dan minkejja diversi nterpellazzjonijiet mill-esponent u diversi weghdiet da parti tas-socjeta’ konvenuta li kienet ser thallas l-istess ammont;

3. Illi l-imsemmi dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u s-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’iggib ghat-talba ta’ hlas tal-attur.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti tiddeciedi skond it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma bilancjali ta’ sebgha u ghoxrin elf u mija u sebgha u hamsin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€27,157.91) rapprezentanti l-bilanc dovut lill-attur ghas-servizzi ta’ garr lokali ta’ merkanzija u servizzi relatati kif hawn fuq imsemmi, liema somma ghadha sal-lum dovuta bl-imghaxijiet legali mid-data rispettiva ta’ kull fattura sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment u kull mandat iehor li jista’ jigi pprezentat fil-mori tal-proceduri odjerni kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bir-rikors guramentat, bl-Avviz ghas-Smiegh u bid-dokumenti fl-4 ta’ Settembru 2012.

Rat li s-socjeta’ konvenuta ma pprezentat l-ebda risposta guramentata u ghalhekk tinsab fi stat ta’ kontumacja.

Rat li fis-seduta tal-lum is-socjeta’ konvenuta msejha diversi drabi baqghet ma dehritx.

Semghet lill-istess attur fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2012 fejn ikkonferma li mill-prezentata tal-kawza sal-lum ma thallas xejn.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attur spjega li huwa jahdem bhala burdnar u ta servizz lis-socjeta' konvenuta ta' garr lokali ta' merkanzija u servizzi relatati. Huwa spjega li saru xi pagamenti akkont, liema pagamenti jirrizultaw mid-dokumenti esebiti, izda li mill-prezentata tal-kawza 'l hawn ma gew versati l-ebda pagamenti.

Illi wara li l-Qorti semghet lill-attur jispjega u jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut kif ukoll ezaminat id-dokumenti minnu esebiti hija sodisfatta li l-hlas pretiz mill-attur huwa dovut.

Ghaldaqstant il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi t-tilqa' t-talbiet kollha attrici u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma bilancjali ta' sebgha u ghoxrin elf u mija u sebgha u hamsin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€27,157.91) rapprezentanti l-bilanc dovut lill-attur ghas-servizzi ta' garr lokali ta' merkanzija u servizzi relatati bl-imghaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull fattura sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------